**Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Seduta Distrett San Ġiljan**

**Il-Pulizija**

**-vs-**

**Lucia Sapienza, detentriċi tal-Karta tal-Identità numru 222786M**

Illum, 25 ta' Frar, 2025

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputata Lucia Sapienza u ċioè talli:

Nhar it-18 t'Awissu, 2023 għal ħabta ta' bejn 1500hrs u 1530hrs ġewwa Triq il-Klarissi, San Ġiljan –

1. Ikkaġunat offiża ta' natura ħafifa li l-effett ikkunsidrat sew ghal dak li hu l-ġisem ta' Victoria Azzopardi kemm moralment, huwa ta' importanza żgħira skont kif iċċertifikat minn Dr Jonathan Grech taċ-ċentru tas-saħħa tal-Gżira. Art.221(3) Kap.9
2. Ikkaġunat offiża ta' natura ħafifa li l-effett ikkunsidrat sew ghal dak li hu l-ġisem ta' Charles Azzopardi kemm moralment, huwa ta' importanza żgħira skont kif iċċertifikat minn Dr Jonathan Grech taċ-ċentru tas-saħħa tal-Gżira. Art.221(3) Kap.9
3. Mingħajr ħsieb li tagħmel reat, daħlet fil-fond 17, Flt 7, Triq il-Klarissi, San Ġiljan, liema fond huwa propjetà ta' Alan Attard, u daħlet f'dan il-fond wara li ġiet imwissija minn Victoria Azzopardi li m'għandiex tidħol jew daħlet bil-moħbi tiegħu jew b'xi skuża falza jew b'qerq ieħor. Art.339 (1) (o) Kap.9

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tipprovdi għas-sigurtà ta' Victoria Azzopardi u Charles Azzopardi skond l-Artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali.

Illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta fl-"Assenjazzjonijiet ta' Kawża" mogħti mis-S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti fit-2 ta' Frar, 2024.

Illi l-ewwel seduta minn din il-Qorti kif preseduta saret fil-15 ta' Mejju, 2024.

Rat l-atti w id-dokumenti kollha.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Ikkunsidrat,

Mill-**Current Incident Report** jirriżulta li sar rapport mill-konjugi Azzopardi fil-konfront tal-imputata peress li din baqgħet tinsisiti biex tidħol fir-residenza tal-ex sieħeb tagħha, Alan Attard, minkejja li ġiet murija biċ-ċar minn Charles Azzopardi li ma kellhiex permess tidħol. Hu u martu kienu fir-residenza ta' bin Victoria jieħdu ħsieb lil bintu, wild l-imputata Lucia Sapienza. L-imputata saret aggressiva x'ħin rat li Azzopardi beda jimblokkalha t-triq minn fejn tgħaddi għal ġew tar-residenza. Victoria Azzopardi wkoll qaltilha toħroġ il-barra iżda din ma tagħtix widen u kif ippruvat tidħol fil-kamra tas-sodda ta' Alan, Charles Azzopardi reġa' pprova jwaqqafha. Kien hawn li Sapienza fajret daqqa ta' sieq lil Victoria Azzopardi u laqtitha fil-kustilji. Kif ra hekk, Charles beda jigwidha l-barra mill-appartament u Sapienza tgħat daqqa ta' sieq fejn hu ntlaqat fuq in-naħa tax-xellug ta'ġenbu.

*A tempo vergine* Sapienza tiddikjara *"Vicky started screaming from inside the house for me not to go in. I asked Charles for some things of Rhea. Vicky was still screaming. From the doorway I saw the bottle and went to take it and went outside again. Vicky came to me screaming at me. I that moment i said something like 'you're going to scream mela I get it myself'. I should have left sitaution but I felt triggered by Vicky. I turned to go to Alan's room. Chuck grabbed me...I was tackling Chuck off me whilst trying to leave. Vicky still screaming...Chuck threw me out the doorway. I landed on Rhea. Whilst I was on the floor I pulled Rhea on to me to protect her. They closed the door and I left with Rhea"*.

Ir-rapport u l-kontenut tiegħu ġie konfermat minn **PS649 J. Buhagiar** permezz tal-Affidavit li ġie esibit in atti.

**Victoria Azzopardi** spjegat kif flimkien ma żewġha kienu d-dar ta' binha jieħdu ħsieb bintu li kellha erba' snin. Kif l-imputata ċemplet il-bieb, żewġha libbes iż-żarbun lit-tifla biex iniżżilha fil-komun peress li Sapienza ma setgħetx tersaq lejn ir-residenza ta' binha. Ġara iżda li kif fetaħ il-bieb tad-dar sabha ma wiċċu. Beda jgħidilha ma tidholx hekk kif ma kienx permess lilha tagħmel dan. Ix-xhud timxi biss permezz ta' *walker* u dakinhar bdiet iżomm mal-affarijiet biex wasslet ħdejn il-bieb ta' barra tal-appartament. Hemm qaltilha ma tidħolx filwaqt li l-imputata baqgħet tgħid li riedet tieħu xi *bottles*. Tkompli:

> *"Ħadet xi żewġ bottles, u aħna mingħalina li se titlaq 'il barra. Kif appena kienet se tmur fejn il-bieb, pruvat taħrab biex tmur fejn il-bedroom għax qalet li kellha xi libsa li riedet teħodha. Jiena għidtilha, "Tidħolx," għidtilha, "Ma jimpurtax, għidli x'libsa hi." Jien lanqas ħa nidħol jien fil-kamra tas-sodda tat-tifel u neħodha, għidtilha imma, "Issa nsaqsilha liema hi u naqbad u nġibhielek personalment jien, imma hawn ġewwa tidħolx iżjed. Ħu paċenzja oħroġ, bil-paċenzja kollox." Meta ratni hekk, qabdet, mingħajr lanqas ħsieb ta' xejn u* ***she kicked me.*** *Imma saqajha taf kif ħarġet? Sajjetta. ....* ***On my rib,*** *u ....* ***On the right-hand side li qatagħtli n-nifs****. ..... Imbagħad bdiet tuġagħni ħafna, ovvjament bdejt nibki għax ħadt qatgħa li ma ngħidlekx.... jiena meta ħadt ix-xokk ukoll nara, imma it was too quick, jiġifieri kif ġara u x'ġara u ma ġarax ma nistax... għax jiena dak il-ħin kelli rasi... u eh ġejt mal-ħajt jien bilħaqq, imnalla għax kont naqa', għax jiena diġà ma nistax noqgħod bilwieqfa wisq.* ***Qabdet u tat daqqa ta' sieq, pruvat tagħti... u tatu, lir-raġel ukoll.*** *Jien imbagħad żammejt mal-ħajt u mort poġġejt fuq* siġġu, għax qed ngħidlek il-ħass ħażin li qabadni bix-xokk, bix-xokk. .....".

In kontro-eżami tikkjarifika li l-ewwel darba li rat lil Sapienza fl-appartament kien meta ratha fil-kċina. Victoria Azzopardi preżentat ċertifikat mediku li jindika li l-ġrieħi li sofriet kienu *"slight with minimal consequences"*.[1]

**Charles Azzopardi** iddeskriva kif hu w martu kienu d-dar ta' bin martu biex jieħdu ħsieb it-tifla tiegħu. Sapienza, omm it-tifla, bdiet iċċempel kontinwament fuq l-*intercom* u wara li libbes iż-żarbun lin-neputija fetaħ il-bieb u sabha ma wiċċu meta ssoltu it-tifla kienu jagħtihilha fil-komun. Ix-xhud jispjega dak li seħħ wara:

> *"Hi qalet, "Mela mhix hawn il-babysitter?" Jiena għidtilha, "Jiena l-babysitter illum." Imbagħad dak il-ħin riedet tidħol ġewwa. Jien bdejt nostakolalha l- bieb, .... Għax as such ma kellhiex għalfejn tidħol ġewwa hi, għax it-tifla ġià kont tajthielha, qiegħda barra..... Bażikament hi baqgħet tipprova tidħol, u bqajt nostakolaha, ħin minnhom irnexxhielha tidħol sal-kċina .... Bdejt tgħidilha biex ma tidħolx...... [dak il-ħin martu] Kienet fil-living room. ... Kienet qed tgħajtilha biex ma tidħolx ukoll. .... [martu] Bażikament għandha CIPD li jattakkalha n-nervituri u għandha problema biex timxi, iżżomm il-bilanċ proprja. ...... Ħin minnhom daħlet sal-kċina, ħadet baby bottle,... minn hemm ikkonvinċejtha biex terġa' toħroġ barra, .....Imbagħad ħadet il-*

[1] **Dok.AA**

*flixkun, il-baby bottle, ħarġet 'il barra. .....Imbagħad qalet li għandha bżonn xi ħwejjeġ, xi libsa; jiena għidtilha, "Kellem lil Alan fuqhom dawk l-affarijiet." M'għidtilhiex biex tidħol tara. Again, baqgħet tipprova tidħol. Fil-background kien hemm il-mara l-ħin kollu tgħidilha biex toħroġ, ħin minnhom ġiet il-mara, again* ***Lucia qiegħda tipprova tidħol, u at some point fajret daqqa ta' sieq, laqtet lill-mara ....X'imkien lower abdomen****. .....Hemmhekk imbagħad ressaqt lil Lucia barra mill-bieb u għalaqt il-bieb.*

Kif raha tagħti daqqa ta' sieq lil martu, ħareġ l-imputata l-barra mir-residenza w għalaq il-bieb. Ix-xhud hu onest meta rigward id-daqqa li qala' mingħand l-imputata jgħid li din kienet waħda involontarja, *"ħin minnhom imbagħad meta ressaqtha barra mill-bieb, tgerbet jew tfixklet jew fit-tapit jew fiż-żraben, għax ikun hemm iż-żraben barra, u bħala reaction fajret daqqa ta' sieq ukoll lili......Lower abdomen ukoll.... Fiż-żraben jew fit-tapit. A knee jerk reaction speċi ta ngħidilha jiena."*.

Ġie esibit ċertifikati mediku li juru li Charles Azzopardi sofra ġrieħi li ġew klassifikati bħala *"slight with minimal consequencres"*, minħabba *inter alia* f' *"tenderness on palpitation of Left groin...erythema/bruising"*.[2]

In kontro-eżami jikkjarifika li seta' kien il-każ li hu stess fetħilha mill-*intercom* u kompla li Sapienza qatt ma kienet aggressiva miegħu, lanqas dak inhar tal-inċident. Iżid għalkemm kien diġà taha t-tifla, l-imputata xorta waħda baqgħet tinsisti biex tidħol id-dar t' Alan għaliex riedet xi affarijiet li kellhom x'jaqsmu mat-tifla. Irnexxielha tidħol għaliex baqgħet tisforzaha ruħha ġewwa minkejja li hu ma bediex iħalliha u jgħidilha ma tidħolx. Kif kienet fil-kċina b'riferenza għal *bottles* qaltlu *"Dawn tiegħi"*.

Charles Azzopardi jkompli jispeċifika li **Victoria qalgħet id-daqqa mingħand Lucia Sapienza meta, wara li kienet diġà ħadet il-*bottles*, reġgħet lura biex tieħu ħwejjeġ tat-tifla**. Dak il-ħin Victoria kienet fl-entratura tar-residenza. Kien hemm tensjoni minħabba li filwaqt li l-imputata riedet tidħol, Victoria ma ridietx tħalliha tagħmel dan u nqala' ħafna għajjat. Iżid li kien wara li martu sofriet id-daqqa ta' sieq, hu ressaq lil Lucia Sapienza l-barra. Jixhed, *"Wara d-daqqa ta' sieq, ressaqtha 'l barra u tfixklet fit-tapit jew fiż-żraben, ma nafx..."* filwaqt li jtenni li d-daqqa ta' sieq li qala' mingħand l-imputata ma kienitx intenzjonata.

L-imputata **Lucia Sapienza** għażlet li tieħu l-pedana tax-xiehda. Bdiet biex tispjega kif dejjem kien hemm tensjoni ma omm l-ex sieħeb tagħha. Dakinhar,

---

[2] **Dok.AA1**

> *"I went to collect Rhea from Alan's house and when I went in I was surprised to find Chuck and Vicky. Now, Vicky is a bit erratic, as you know, and she just started screaming. Anyway I went to collect Rhea. When I went in I said, "I thought you were a babysitter." There was Chuck there; Vicky was not around. In went in the common area like, not the common are, the entrance. That is where Rhea was, Rhea was not outside, she was there with Chuck. And I said, "Chuck, do me a favour, Alan has a bunch of things I have been asking for for a number of times," he does not give me any maintenance, I was living on practically no money and I kept on buying her things that never came back, and I said, "Please there are three bottles that are about twenty euros each, pass them on to me." And I said, "Do you mind, I am just going to get them." Chuck said ok. I am going to go and get them. I went to the kitchen to get these bottles, and from the kitchen Vicky could see me, and Vicky started s-c-r-e-a-m-i-n-g, just screaming....."*

Rigward il-ġrieħi Sapienza tisħaq li hi qatt ma kellha xi kuntatt fiżiku ma' Victoria Azzopardi *"I was not trying to harm Vicky, that is for sure, or Chuck".*

F'konfront li sar ma Charles Azzopardi jirrizulta li meta din qaltlu li kien hemm xi affarijiet li kienu jappartjenu lilha, Azzopardi jiftakar li *"when you were in the kitchen you said, "These are mine…" I said, "Take them.""* Madanakollu dan seħħ biss wara li hi kienet daħlet fil-kċina, li hi biswit l-entratura, u dan meta irnexxielha tiskapulah u daħlet. Fl-ebda ħin ma kienet mistiedna tidhol ġewwa!

Fuq dawn ir-riżultanzi proċesswali jibda biex jingħad li, irrispettivament jekk kienx Charles Azzopardi li fetaħ il-bieb tal-komun, Sapienza qatt ma kellha tidħol fir-residenza tal-ex sieħeb tagħha, *multo magis* meta ġiet mitluba toħroġ il-barra kemm minn Charles kif ukoll minn Vicky Azzopardi. M'hemmx dubbju għalhekk li t-tielet imputazzjoni ġiet ppruvata soddisfaċentement.

Dwar l-imputazzjonijiet fuq offiża ħafifa, wara li l-Qorti qieset it-testimonjanza ta' Charles Azzopardi li ttiha affidabbiltà sħiħa, issib li din l-imputazzjoni ġiet pruvata sal grad rikjest unikament fil-konfront ta' Victoria Azzopardi. Fir-rigward tiegħu, kif jgħid hu stess, din kienet a *knee-jerk reaction* wara li l-imputata tgerbet fit-tapit jew f'xi żraben u hu ntlaqgħet minnha.

**PIENA**

In konsiderazzjoni tal-piena l-Qorti qieset in-natura tar-reati li qed tinstab ħtija dwarhom, it-tnejn ta' natura kontravvenzjonali, u taċ-ċirkostanzi tal-każ.
**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi filwaqt li tillibera lill-imputata mit-tieni imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 17(ċ), 31, 214, 215, 221(3)(b) u 339(1)(o) tal-Kodiċi Kriminali, issib l-imputata ħatja tal-ewwel u tat-tielet imputazzjoni u timmultaha *ammenda* ta' ħamsa w sebgħin Ewro (€75).

Inoltre a tenur tal-artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qegħda toħroġ Ordni tat-Trażżin fil-konfront tal-imputata a favur ta' Victoria Azzopardi għal żmien sentejn (2) millum.

**Donatella M. Frendo Dimech**
**Maġistrat**